



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.12.2012
COM(2012) 753 final

2012/0347 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-proposti għall-emendi tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Taħt l-awspiċi tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (l-FAO) u l-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (l-UNEP), f'Marzu tal-1998 ġew konklużi negozjati għal Konvenzjoni dwar l-applikazzjoni ta' proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel (prior informed consent - PIC) għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali.

Il-Konvenzjoni nfetħet għall-iffirmar waqt il-Konferenza Diplomatika Ministerjali li saret f'Settembru tal-1998 f'Rotterdam. Il-Komunità ffirmatha fil-11 ta' Settembru 1998. Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam tffisser pass kbir 'il quddiem fir-regolazzjoni internazzjonali ta' ċerti kimiċi perikolużi, inklużi l-pestiċidi. L-għan tagħha huwa li tippromwovi r-responsabbiltà u l-isforzi kooperattivi konguntivi fost il-Partijiet involuti fil-kummerċ internazzjonali ta' dawn il-kimiċi, sabiex jiġiharsu saħħet il-bniedem u l-ambjent minn ħsara potenzjali, u li tikkontribwixxi lejn l-użu ambjentali tagħhom mingħajr periklu.

L-Unjoni implimentat il-Konvenzjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi¹. Permezz tad-Deċiżjoni 2006/730/KE tiegħu tal-25 ta' Settembru 2006², il-Kunsill iddeċieda li japprova l-Konvenzjoni f'isem il-Komunità Ewropea.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004. Is-sitt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP6) se ssir f'Ġinevra mit-28 ta' April sal-11 ta' Mejju 2013. Minbarra l-Unjoni, 26 mill-Istati Membri tagħha huma Parti f'din il-Konvenzjoni.

Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kimika (is-CRC), korp sussidjarju li jaqa' taħt l-awtorità tal-Konferenza tal-Partijiet (is-COP), il-Konferenza tal-Partijiet mistennija tiegħu deċiżjoni dwar l-inklużjoni ta' aktar sustanzi kimiċi fl-Anness III tal-Konvenzjoni, li tagħmilhom suġġetti għall-proċedura tal-PIC.

Is-sustanzi kimiċi li s-CRC rakkomanda li jiġu inklużi fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, jiġifieri l-ażinfos-metil, l-asbestos krisotilu, it-taħlitiet kummerċjali tal-eteri tal-ottabromodifenil, l-eteri tal-pentabromodifenil u t-taħlitiet kummerċjali tal-eteri tal-pentabromodifenil, l-aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan, il-perfluworoottansulfonati, il-perfluworoottansulfonamidi u l-perfluworoottansulfonili, u l-formulazzjonijiet likwidi (il-konċentrat li jista' jiġi emulsifikat u l-konċentrat solubbli) li fihom diklorur tal-parakkwat fil-livell ta' 276 g/l jew 'il fuq minnu, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakkwat fil-livell ta' 200 g/l jew 'il fuq minnu, diġà huma suġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni skont il-liġijiet tal-Unjoni, li huma simili għal dawk skont il-Konvenzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tippromovi lill-Kunsill deċiżjoni biex jappoġġa, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Anness III tal-Konvenzjoni waqt is-COP6.

¹ ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1.

² ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-proposti għall-emendi tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikulari l-Artikoli 192(1) u 207 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea rratifikat il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura tal-kunsens infurmat minn qabel għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Rotterdam")³.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi⁴ jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam fl-Unjoni.
- (3) Sabiex ikun żgurat li l-pajjiżi li jimportaw jibbenefikaw mill-ħarsien offrut mill-Konvenzjoni ta' Rotterdam, huwa meħtieġ u xieraq li tiġi appoġġata r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kimika dwar l-inklużjoni, fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, tal-ażinfos-metil, tal-asbestos krisotilu, tat-taħlitiet kummerċjali tal-eteri tal-ottabromodifenil, tal-eteri tal-pentabromodifenil u tat-taħlitiet kummerċjali tal-eteri tal-pentabromodifenil, tal-aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan, tal-perfluworoottansulfonati, tal-perfluworoottansulfonamidi u tal-perfluworoottansulfonili, u tal-formulazzjonijiet likwidi (il-konċentrat li jista' jiġi emulsifikat u l-konċentrat solubbli) li fihom diklorur tal-parakkwat fil-livell ta' 276 g/l jew 'il fuq minnu, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakkwat fil-livell ta' 200 g/l jew 'il fuq minnu. Dawn is-sustanzi diġà huma pprojbiti jew ristretti sew fl-Unjoni, u għalhekk huma suġġetti għal rekwiżiti tal-esportazzjoni li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam.
- (4) Fis-sitt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP6) tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, huma mistennija jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-emendi proposti għall-Anness III. L-Unjoni għandha tappoġġa dawn l-emendi,

³ ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23.

⁴ ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu uniku

Waqt is-sitt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, il-Kummissjoni għandha tappoġġa, f'isem l-Unjoni, l-adozzjoni tal-emendi li jżidu, fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, l-ażinfos-metil, l-asbestos krisotilu, it-taħlitiet kummerċjali tal-eteri tal-ottabromodifenil, l-eteri tal-pentabromodifenil u t-taħlitiet kummerċjali tal-eteri tal-pentabromodifenil, l-aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan, il-perfluworoottansulfonati, il-perfluworoottansulfonamidi u l-perfluworoottansulfonili, u l-formulazzjonijiet likwidi (il-konċentrat li jista' jiġi emulsifikat u l-konċentrat solubbli) li fihom diklorur tal-parakkwat fil-livell ta' 276 g/l jew 'il fuq minnu, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakkwat fil-livell ta' 200 g/l jew 'il fuq minnu.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*